PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Programm Elettorali

# Kultura u Arti

Fejn il-kobor jissupera d-daqs ġeografiku

Nifs Ġdid

## Nifs Ġdid. Dan hu l-mument, tiegħek.

Din il-kampanja elettorali hija mibnija fuq wegħda ċara: b’dak li qed nipproponu rridu li nagħtu nifs ġdid lil Malta u Għawdex. Nifs ġdid lilek.

Fix-xhur li għaddew iltqajt ma’ ħafna minnkom fid-djar, fil-pjazez u fuq il-postijiet tax-xogħol. Smajt it-tamiet, u l-aspirazzjonijiet tagħkom. Fuq kollox, fhimt kemm tħobbu lil pajjiżna. Bħalkom, jien kburi li jien Malti, u nemmen li flimkien nistgħu nibnu Malta u Għawdex li jistħoqqlok, li jistħoqqilhom uliedna.

Fil-programm elettorali qed nispjegaw kif nifs ġdid ifisser pajjiż li jerġa’ jaħdem għan-nies: fejn inti jkollok aktar serħan il-moħħ, politika li tagħti futur liż-żgħażagħ f’pajjiżna, l-anzjani jgħixu bid-dinjità, u l-ħaddiema jkollhom paga aħjar. Nifs ġdid ifisser ukoll ekonomija ġusta fejn is-sidien tan-negozji jsibu gvern li jgħinhom u mhux li jfixkilhom, kura tas-saħħa fil-pront, edukazzjoni li tħejji għad-dinja ta’ għada, sistema tat-trasport effiċjenti biex int ma tinqabadx fit-traffiku, kontijiet orħos u ambjent nadif li jagħtik nifs tajjeb għal saħħtek. Nifs ġdid ifisser ukoll Għawdex bħala reġjun b’potenzjal enormi li joffri futur lill-Għawdxin u jibqa’ ġawhra għall-Maltin

Dan il-kapitlu, flimkien mal-bqija tal-programm elettorali, jippreżenta pjan ċar u realistiku biex inwettqu din il-viżjoni. Proposti konkreti biex intejbu l-ħajja tiegħek u nagħtu direzzjoni aġġornata lill-pajjiż.

Dan huwa l-impenn tagħna miegħek.
Flimkien nistgħu nagħtu lil Malta nifs ġdid.

**Alex Borg**
Kap tal-Partit Nazzjonalista



# Fejn il-kobor jissupera d-daqs ġeografiku

Kultura u Arti

# Il-kultura hija r-ruħ ta’ poplu - il-mod kif nikkomunikaw dak li aħna, dak li rridu nkunu, is-sabiħ ta’ madwarna, u s-sabiħ ta’ ġo fina.

Il-kultura tagħna toħroġ u tesponi l-valuri tagħna.

Il-kultura hi kejl tal-maturità ta’ poplu.

Gvern ġdid nazzjonalista jpoġġi l-kultura u l-arti fil-qalba tal-iżvilupp nazzjonali, mhux bħala settur iżolat, iżda bħala forza li ssaħħaħ l-identità, il-komunitajiet u l-ekonomija kreattiva ta’ Malta u Għawdex.

Irridu nibnu sistema kulturali waħda, koordinata u trasparenti, li tgħin u tkun ta’ appoġġ għall-artisti u l-ħaddiema kreattivi, tinvesti fit-talent Malti, tħares il-wirt storiku u intanġibbli tagħna, u tiftaħ aktar spazji għall-ħolqien, it-taħriġ u l-parteċipazzjoni.

Permezz tad-Distrett Kulturali ta’ Malta li qed nipproponu, edukazzjoni artistika b’saħħitha, infrastruttura moderna u aċċess usa’ għall-pubbliku, irridu nagħmlu l-kultura parti mill-ħajja ta’ kuljum u xprun ta’ riġenerazzjoni, kwalità u kburija nazzjonali.

Pjan ta' Azzjoni

# Kultura li ssaħħaħ lill-identità u l-ekonomija kreattiva

Il-pjan tagħna hu li nagħmlu l-kultura u l-arti pilastru ewlieni tal-iżvilupp nazzjonali u ekonomiku ta' Malta u Għawdex. Irridu nibnu ekonomija kreattiva li tagħti valur reali lit-talent Malti, toħloq impjiegi ta' kwalità u tħalli lill-artisti u lill-ħaddiema kreattivi jaħdmu f'ambjent professjonali, sostenibbli u rispettat. Il-kultura ma tistax tibqa' meqjusa bħala attività sekondarja, iżda bħala investiment dirett fil-kwalità tal-ħajja, fil-komunitajiet tagħna u fil-potenzjal ekonomiku tal-pajjiż.

Permezz ta' investiment aktar serju fl-edukazzjoni artistika, fl-infrastruttura kulturali u fid-Distrett Kulturali ta' Malta, irridu noħolqu sistema koordinata li tgħaqqad il-kreattività, il-produzzjoni u l-innovazzjoni. Nemmnu wkoll li l-kultura għandha tkun aktar aċċessibbli u mifruxa mal-pajjiż kollu, b'aktar spazji kreattivi, aktar opportunitajiet għaż-żgħażagħ u aktar appoġġ għall-komunitajiet u l-għaqdiet volontarji.

Irridu settur kulturali u artistiku li jgħolli l-livell tal-pajjiż, isaħħaħ l-identità Maltija u joħloq ekonomija kreattiva moderna u dinamika.

Proposta Ewlenija 01

# PORT
# Id-Distrett Kulturali ta' Malta

Inwaqqfu d-Distrett Kulturali ta' Malta bħala proġett nazzjonali ta' riġenerazzjoni kulturali, urbana u ekonomika li jagħti nifs ġdid lill-Marsa, lill-Port il-Kbir u liż-żoni urbani eżistenti madwarhom. Dan ma jkunx ġabra ta' binjiet iżolati, iżda pjattaforma integrata fejn Malta tħarreġ, toħloq, tipproduċi, tippreżenta, tiddokumenta u tesporta l-kultura tagħha.

Id-Distrett jiġbor fih spazji għall-edukazzjoni artistika, taħriġ tekniku, studios, rehearsals, produzzjoni, wirjiet, film, riċerka, dibattitu pubbliku u skambju internazzjonali.

Fl-ewwel fażi ta' dan il-pjan, nibdew bil-proċess ta' ppjanar għall-concert hall ta' kwalità għolja b'dar professjonali għall-Malta Philharmonic Orchestra u spazju għall-mużika, teatru, żfin, opra, kif ukoll għall-Marsa Expo Centre għall-konferenzi u avvenimenti kulturali kbar.

Dan il-proġett jitwettaq flimkien mal-komunità, b'aċċess għall-artisti, organizzazzjonijiet kulturali u l-pubbliku. Ikun sostnut minn infrastruttura moderna tat-trasport, użu mill-ġdid ta' żoni urbani diġà mibnija u ppjanar serju dwar spiża, governanza, manutenzjoni, aċċessibbiltà u valur pubbliku fit-tul.

B'hekk il-kultura ssir xprun ta' identità, ħajja komunitarja, xogħol kreattiv u riġenerazzjoni nazzjonali.



Aktar Proposti

# L-arti u l-ekonomija kreattiva

## 2. Status professjonali veru u rikonoxxut għall-artisti

Insaħħu l-istatus professjonali ċar lill-artisti u l-ħaddiema kreattivi b'qafas legali li jirrikonoxxi xogħol intermittenti, kuntratti qosra u dħul varjabbli, biex l-arti tkun professjoni stabbli b'dinjità, prestiġju u serjetà.

## 3. Income averaging għall-artisti kreattivi

Nintroduċu sistema ta' income averaging fuq tliet snin għall-artisti u freelancers kreattivi, biex it-taxxa tirrifletti r-realtà ta' dħul li jinbidel minn sena għall-oħra u tnaqqas il-piż fuq min jaħdem bil-proġetti.

## 4. Kreditu tat-taxxa fuq xogħol artistiku lokali

Nagħtu kreditu tat-taxxa fuq infiq f'xogħol artistiku, pubblikazzjonijiet, produzzjonijiet u wirjiet ta' artisti Maltin u Għawdxin, biex nixprunaw is-suq artistiku lokali, u aktar familji, negozji u istituzzjonijiet jixtru, jikkummissjonaw u jivvalorizzaw it-talent lokali. Nirrevedu l-inċentiv tat-taxxa ta' 7.5% billi nneħħu l-limiti fuq kontribuzzjonijiet deduċibbli mit-taxxa għal proġetti kulturali u titwessa' l-eliġibbiltà għall-benefiċċji fiskali biex tinkludi firxa usa' ta' professjonisti kreattivi.

## 5. Fond għall-ewwel produzzjoni

Noħolqu fond speċjali għal artisti fil-bidu tal-karriera biex jiffinanzjaw l-ewwel proġett artistiku. L-għan hu li talent ġdid jingħata l-ewwel ċans, mhux jibqa' mwaħħal għax m'għandux mezzi. Nesploraw sistemi ta' garanzija biex artisti żgħażagħ u dawk f'sitwazzjonijiet żvantaġġjati jkollhom aċċess għal Microcredit mill-banek kummerċjali biex ikunu jistgħu jwettqu l-proġetti tagħhom.

## 6. Rati speċjali għal spazji pubbliċi kulturali

Nintroduċu tariffi preferenzjali u trasparenti għall-kiri ta' teatri, swali u spazji ta' esebizzjoni pubbliċi għal artisti, għaqdiet u production houses lokali, biex il-prezz għall-użu ta' spazji pubbliċi ma jibqax ostaklu ewlieni għall-produzzjoni u l-preżentazzjoni tax-xogħol Malti.

## 7. Skema ta' xiri pubbliku ta' arti Maltija

Nistabbilixxu skema biex skejjel, sptarijiet, ambaxxati, ministeri u bini pubbliku jakkwistaw jew jesponu x-xogħol ta' artisti Maltin biex ix-xogħol lokali jidher u jinxtered. Inkomplu nibnu fuq l-iskemi għall-istallazjoni ta' arti pubblika madwar Malta.

## 8. Pagamenti fil-ħin bħala standard

Norbtu kull fond u kuntratt pubbliku fil-qasam kulturali ma' termini ċari ta' ħlas fil-ħin, b'penali fuq dewmien. Artist ma jistax jibqa' jitpoġġa f'sitwazzjonijiet diffiċli għax jibqa' jistenna xhur biex jitħallas għal xogħol li jkun diġà ta, ippreżenta jew wassal. Biex verament is-settur jitqies realtà professjonali u ekonomika, iridu jiġu applikati l-istess standards bħall-kumplament tad-dinja kummerċjali - inkluż interessi fuq pagamenti li jsiru tard.

## 9. Performance audit dwar l-operat tal-Kunsill Malti għall-Arti

Inniedu performance audit dwar l-operat tal-Kunsill Malti għall-Arti, partikolarment dwar kif jiġu pproċessati l-proposti, kif jiġu ttrasferiti l-fondi u dwar il-potenzjal għas-simplifikazzjoni tal-burokrazija u tal-informazzjoni mitluba.

## 10. Appoġġ lill-pubblikaturi Maltin

Nirrikonoxxu l-industrija tal-ktieb bħala pilastru kulturali essenzjali għall-ilsien Malti, il-ktieb Malti, ir-riċerka u l-memorja nazzjonali, u mill-ewwel xhur nidħlu fi djalogu dirett mal-pubblikaturi Maltin biex infasslu pakkett konkret ta' għajnuniet biex itaffi l-kriżi serja li qed jiffaċċjaw il-pubblikaturi Maltin, minħabba f'suq żgħir ħafna ta' kotba, suq bilingwu u pressjonijiet internazzjonali. Ir-responsabbiltà ministerjali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb tgħaddi taħt il-Ministeru tal-Arti u l-Kultura.

## 11. Appoġġ lill-artisti fl-era tal-AI u l-copyright

Se nipprovdu taħriġ u għodod prattiċi lill-artisti biex jifhmu u jimmaniġġjaw l-impatt tal-AI fuq xogħolhom. Se nsaħħu l-għarfien dwar id-drittijiet tal-awtur, il-liċenzjar u l-protezzjoni diġitali, u nippromwovu mekkaniżmi li jiżguraw li l-kreattivi jibbenefikaw ġustament mill-użu tax-xogħol tagħhom.

## 12 Tax Credits għall-arti, il-kultura u l-filantropija

Se nintroduċu kreditu tat-taxxa nazzjonali għall-arti, il-kultura u l-filantropija li jipprovdi kreditu tat-taxxa ta' 30% tal-valur ta' kontribuzzjonijiet eliġibbli mogħtija lil organizzazzjonijiet tal-arti reġistrati, istituzzjonijiet kulturali, NGOs, u organizzazzjonijiet volontarji. Il-kreditu japplika kemm għal donazzjonijiet finanzjarji kif ukoll għal kontribuzzjonijiet, inkluż għal servizzi professjonali u ħin volontarju vvalutat b'rata fis-siegħa ddikjarata, sa limitu annwali ta' €50,000 għal kull donatur.

# Trasparenza u meritokrazija

## 13. Bord indipendenti għall-finanzjament kulturali

Inwaqqfu bord indipendenti għall-finanzjament kulturali bi proċessi trasparenti, kriterji pubbliċi u l-pubblikazzjoni tar-riżultati, biex il-fondi jitqassmu skont il-mertu u tonqos il-perċezzjoni li dejjem jibbenefikaw l-istess nies u l-istess ċrieki.

## 14. Sejħiet pubbliċi għal karigi kulturali

Karigi ta' tmexxija, kurazzjoni u direzzjoni f'entitajiet kulturali pubbliċi għandhom jimtlew b'sejħiet pubbliċi, kriterji professjonali u skrutinju serju, biex il-governanza kulturali tkun mibnija fuq kompetenza u mhux fuq qrubija jew konvenjenza politika.

## 15. Rotazzjoni fil-bordijiet ta' evalwazzjoni

Nintroduċu rotazzjoni obbligatorja fil-bordijiet ta' evalwazzjoni ta' grants, commissions u akkwisti kulturali, biex jonqos il-konċentrament tal-influwenza, tiżdied il-fiduċja pubblika u jinħoloq level playing field reali għas-settur kollu.

## 16. Reġistru pubbliku tal-fondi kulturali

Noħolqu reġistru online li juri kull għotja, direct order, commission jew xiri pubbliku fil-kultura u l-arti, flimkien mal-ammont, il-kriterji u l-evalwazzjoni. Napplikaw l-istess prinċipju ta' trasparenza li hu applikat għall-benefiċjarji tal-Fondi Ewropej. Il-flus pubbliċi fil-kultura jridu jkunu viżibbli u kontabbli daqs kull investiment ieħor tal-Istat.

# Edukazzjoni artistika u ż-żgħażagħ

## 17. STEAM - l-evoluzzjoni naturali minn STEM

L-investiment fi STEAM, kif spejgat fil-kapitlu dwar l-edukazzjoni f'dan il-programm, ikun qabża oħra ta' kwalità, iħares lejn orizzonti ġodda u jkompli jibni fl-istrateġija tagħna għall-importanza li nagħrfu fl-iSTEM. Dan jippermetti li Malta tintegra l-kreattività u l-arti fix-xjenza u t-teknoloġija, biex b'hekk l-istudenti jiżviluppaw il-ħiliet innovattivi u l-ħsieb kritiku meħtieġa għas-suċċess fl-ekonomija kreattiva moderna.

## 18. L-arti fil-qalba tal-edukazzjoni

Nirrendu l-edukazzjoni artistika pilastru u parti integrali tas-sistema edukattiva u l-kurrikulu, b'aktar allokazzjoni ta' ħin, aktar kwalità u aktar viżjoni lejn il-mużika, it-teatru, l-arti viżiva, id-disinn u l-kitba kreattiva bħala elementi indispensabbli fl-iżvilupp ħolistiku tat-tfal tagħna. Il-kreattività mhix extra; hija ħila li tgħin lill-persuna tuża bl-aħjar mod dak kollu li taf u li kapaċi tagħmel. Hija ħila essenzjali għall-futur tal-pajjiż. Nippromwovu l-użu tal-attività artistika u kreattiva tat-tfal bħala parti mill-evalwazzjoni psiko-soċjali tagħhom fejn din tkun meħtieġa.

## 19. Boroż u inċentivi għal studji artistiċi

Noħolqu fond ta' €2 miljuni fil-Malta Arts Scholarship Scheme għal boroż ta' studju u inċentivi marbuta mal-mertu għal studenti li jagħżlu korsijiet artistiċi, kulturali u tekniċi relatati mal-industriji kreattivi, biex aktar żgħażagħ Maltin jagħmlu kuraġġ jibnu karriera serja f'dan is-settur. Invaraw sistema ta' grants għaż-żgħażagħ biex ngħinuhom jattendu workshops, esperjenzi, korsijiet qosra, u master classes f'Malta jew barra.

## 20. Faċilitajiet professjonali għall-MVPA u istituzzjonijiet speċjalizzati

Ninvestu f'faċilitajiet professjonali għall-Malta Visual and Performing Arts School u istituzzjonijiet oħra f'Malta u Għawdex, inkluża sala attrezzata għall-wirjiet u l-kunċerti, studios u spazji għall-prattika, biex l-istudenti jitħarrġu f'ambjent li jispira lejn professjonaliżmu u livelli għolja.

## 21. Apprentistat kulturali mħallas

Insaħħu l-iskema tal-apprentistati u noħolqu skema ta' placements imħallsa ma' teatri, mużewijiet, orkestri, produzzjonijiet, studios u festivals fost l-oħrajn, biex iż-żgħażagħ jingħataw mentoring u jidħlu fis-settur b'esperjenza reali fid-dinja tax-xogħol kreattiv.

## 22. Żvilupp ta' ħiliet tekniċi u backstage

Se ninvestu f'taħriġ strutturat għall-ħiliet tekniċi (production, lighting, sound u crew) biex inkunu dejjem aktar awto-suffiċjenti. Se noħolqu qafas ċar biex jinħolqu karrieri u nsaħħu l-kollaborazzjoni bejn l-edukazzjoni u l-industrija.

# Infrastruttura kulturali u spazji kreattivi

## 23. Akkademja Nazzjonali tal-Arti

Malta hija mogħnija b'talent artistiku li jiżboq bil-qawwa d-daqs ta' pajjiżna u l-popolazzjoni tagħhna. Inwaqqfu l-Akkademja Nazzjonali tal-Arti ta' Malta bħala istituzzjoni ta' eċċellenza b'aspirazzjonijiet ta' konservatorju internazzjonali, b'faċilitajiet professjonali u studios attrezzati li jippermettu lil dan it-talent lokali kbir li għandna jitħarreġ fl-ogħla livell. Din l-Akkademja għandha tkun integrata mal-ekosistema kulturali Maltija biex tgħaqqad l-edukazzjoni speċjalizzata mal-produzzjoni u l-industrija kreattiva, filwaqt li toffri mogħdijiet ċari minn livell sekondarju sa livelli ta' tagħlim u riċerka avvanzata. Permezz ta' governanza awtonoma u investiment f' boroż ta' studju u assistenza oħra, l-Akkademja sservi bħala l-mutur ewlieni biex l-iżvilupp tat-talent Malti ma jibqax frammentat imma jissaħħaħ biex isir pilastru tal-ekonomija kreattiva nazzjonali.

## 24. Network ta' rehearsal spaces

Noħolqu network ta' spazji aċċessibbli bi prezzijiet raġonevoli - anke ma' realtajiet privati jew volontarji - li jkunu jistgħu jintużaw għall-provi, il-ħolqien u l-produzzjoni fil-lokalitajiet, speċjalment għal artisti ġodda u għaqdiet żgħar. L-għoli tal-kera ma jistax jibqa' jeqred il-kreattività qabel tinbet.

## 25. Spazju Kreattiv imsaħħaħ u verament miftuħ

Nibbilanċjaw mill-ġdid il-prijoritajiet u l-modus operandi taċ-ċentri kulturali pubbliċi biex ikunu aktar miftuħa, aċċessibbli u għas-servizz tal-artisti lokali, bi programmazzjoni aktar bilanċjata, appoġġ akbar għall-kreattività u użu aktar effiċjenti tar-riżorsi.

## 26. Marsa Arts and Culture Hub għall-Karnival

Nassiguraw li l-Arts and Culture Hub fil-Marsa jibda u jitlesta mingħajr aktar dewmien, biex min jaħdem għall-Karnival ikollu spazju sigur, adegwat u professjonali għall-bini, ħażna, taħriġ u kreattività tul is-sena kollha. Bi ħsieb u l-kollaborazzjoni, dan il-hub għandu l-potenzjal li jsir attrazzjoni turistika tul is-sena kollha, u dan jista' jiġġenera qligħ għal dawn ir-realtajiet kulturali.

# Mużewijiet, wirt u memorja nazzjonali

## 27. Dar xierqa għall-Arkivji Nazzjonali

Nagħtu lill-Arkivji Nazzjonali f'Malta u f'Għawdex post modern, sigur u aċċessibbli u spazju adegwat li jixraq lill-memorja tal-pajjiż – faċilitajiet ddisinjati skont il-ħtiġijiet speċifiċi tal-konservazzjoni u l-aċċessibiltà tad-dokumenti storiċi u patrimonju kulturali. L-Arkivju Nazzjonali huwa r-riżerva tal-memorja kollettiva tal-poplu Malti – l-identità tagħna, l-istorja tagħna, u l-wirt li rridu ngħaddu lill-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Huwa wkoll garanzija tad-dritt taċ-ċittadin li jkun jaf kif pajjiżna jkun immexxi u għodda ewlenija għat-trasparenza u l-kontabilità fl-amministrazzjoni pubblika.

## 28. Partnership b'saħħtu mal-privat u l-volontarjat

Nintroduċu level playing field bejn mużewijiet statali, privati u dawk immexxija minn NGOs, biex tinbena ekosistema waħda ta' mużewijiet f'Malta. Insostnu b'Public Private Partnerships lil dawk il-mużewijiet li joperaw b'mod attiv u b'rilevanza għas-settur turistiku u l-iżvilupp kulturali ta' pajjiżna.

## 29. Qabża ta' kwalità fil-konservazzjoni

Noħolqu fond dedikat u servizzi ta' appoġġ għal mużewijiet privati, parrokkjali u volontarji, inkluż taħriġ, konsulenza dwar konservazzjoni u restawr, u addattament għat-tibdil fil-klima, biex min qed jgħin ħalli l-wirt storiku ma jibqax jiddependi biss fuq l-Istat jiġi sostnut, u jingħata valur ġdid 'il-kontribut tas-soċjetà ċivili.

## 30. Restawr u esebizzjoni ta' arti sagra Maltija

Inniedu programm għar-restawr, dokumentazzjoni u esebizzjoni ta' arti sagra Maltija fil-knejjes u mużewijiet, b'kollaborazzjoni mal-Knisja u l-esperti, biex dan il-wirt isir aktar viżibbli, aċċessibbli u protett. Il-programm jieħu ħsieb ukoll jiddokumenta materjal li jinsab f'kollezzjonijiet privati jekk ikun jogħġob lis-sidien.

## 31. Standards ġodda għall-kurazzjoni u l-konservazzjoni

Nintroduċu standards professjonali ogħla għall-kurazzjoni, il-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-kollezzjonijiet pubbliċi, biex il-wirt nazzjonali jiġi mmaniġġjat b'aktar serjetà, kompetenza u rispett lejn l-artisti, ir-riċerkaturi u l-pubbliku.

## 32. Il-patrimonju tagħna

Nassiguraw il-ħarsien tal-patrimonju storiku ta' pajjiżna permezz ta' Awtorità u ta' Sovrintendenza tal-Patrimonju li jkunu tassew awtonomi u indipendenti, u li jaqdu l-għan ewlieni tagħhom, kif stabbilit bil-liġi. Waqt li jinżamm il-bilanċ bejn l-istoriku u l-modern jeħtieġ li s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali tiżgura l-protezzjoni u l-aċċessibilità ta' siti u bini storiku u li tagħmel xogħolha fir-rigward tal-istatus ta' siti ta' wirt dinji tal-UNESCO.

## 33. Appoġġ u sostenn lill-NGOs

Nagħtu aktar widen, appoġġ u sostenn lill-NGOs li jaħdmu fis-settur tal-wirt kulturali bi sħubija aktar wiesgħa bejn l-entitajiet tal-Istat u l-volontarjat.

# Produzzjoni tal-films, xandir u kontenut Malti

## 34. Riforma fil-Malta Film Commission

Nirristrutturaw il-Malta Film Commission b'Film Commissioner u żewġ deputati: wieħed għall-produzzjonijiet barranin u wieħed għall-produzzjonijiet lokali. Dan ikun iktar iffukat, b'aktar koordinazzjoni u aktar ġustizzja bejn l-attrazzjoni tal-investiment u l-iżvilupp tat-talent Malti.

## 35. Separazzjoni ċara bejn regolatur u operatur

Nassiguraw separazzjoni ċara bejn ir-rwol tal-Film Commission bħala regolatur u faċilitatur, u l-operat dirett tal-faċilitajiet tal-films. Min jirregola s-settur m'għandux fl-istess ħin ikun kompetitur jew service provider fih, biex tissaħħaħ it-trasparenza u l-accountability.

## 36. One-stop shop għall-permessi u l-koordinazzjoni

Noħolqu sistema one-stop shop għall-permessi, loġistika u koordinazzjoni ma' awtoritajiet pubbliċi, b'liaison officers identifikati u skadenzi ċari. Dan inaqqas id-dewmien, itejjeb l-effiċjenza u jagħmel lil Malta aktar serja kemm għal produzzjonijiet lokali kif ukoll internazzjonali. F'każijiet ta' produzzjonijiet kbar, ikun appuntat Dedicated Liaison Officer mill-Kummissjoni għalihom u jkun il-punt ta' kuntatt għal dak kollu li għandu x'jaqsam mas-Servizz Pubbliku.

## 37. Screen support iffukat aktar fuq is-servizzi u t-talent Malti

Nirriformaw l-inċentivi tal-films biex jagħtu prijorità lill-below-the-line expenditure fuq servizzi lokali, u jippremjaw above-the-line talent kreattiv Malti. Il-flus pubbliċi għandhom isaħħu l-ekosistema Maltija, il-crews, il-kreattivi u l-valur li jibqa' fil-pajjiż.

## 38. Xandir nazzjonali li jkun sieħeb attiv

Ix-xandir nazzjonali għandu jsaħħaħ il-promozzjoni u d-distribuzzjoni ta' produzzjonijiet Maltin. Xandir pubbliku modern għandu jkun sieħeb attiv fit-tkabbir tal-kontenut Malti, mhux sempliċement pjattaforma passiva.

## 39. MCAST u taħriġ marbut mas-sett u ċ-ċinematografija

Insaħħu r-rabta bejn il-Film Commission, MCAST, istituzzjonijiet edukattivi oħrajn, u l-industrija biex studenti u ħaddiema ġodda jkollhom taħriġ prattiku, placements u mentoring dirett fuq is-sett. Malta trid tibni qafas b'saħħtu u kontinwu ta' riżorsi, technicians u professjonisti Maltin, mhux tiddependi dejjem minn barra.

## 40. Faċilitajiet finanzjarji għall-industrija tal-film

Naħdmu ma' istituzzjonijiet finanzjarji biex jinħolqu prodotti mfassla għall-industrija tal-film, fosthom bridge finance u strumenti adattati għal cashflow ibbażat fuq productions. Setturi b'potenzjal għoli ma jistgħux jibqgħu mwaħħlin għax is-sistema finanzjarja mhix mibnija għalihom.

## 41. Standards professjonali u sigurtà fuq is-sett

Nintroduċu standards fuq professional conduct, rispett fuq il-post tax-xogħol, health and safety u prattiċi responsabbli fuq is-settijiet tal-films u produzzjonijiet awdjoviżivi. Industrija li trid tikber b'saħħitha trid tagħti prijorità kemm lill-kwalità tax-xogħol kif ukoll lid-dinjità tal-ħaddiem.

## 42. Soundstage u post-production facilities

Nimpenjaw ruħna li nikkonkludu il-proġett għal soundstage modern u faċilitajiet professjonali ta' post-production, editing, sound u VFX, biex Malta ma tibqax limitata minn nuqqas ta' infrastruttura bażika u tkun tista' toffri aktar xogħol ta' kwalità lill-professjonisti Maltin.

## 43. Kontenut Malti aktar viżibbli u distribwit aħjar

Insaħħu l-preżenza ta' films, dokumentarji, drama u kontenut awdjoviżiv Malti fuq ix-xandir u pjattaformi oħra, b'appoġġ għall-iżvilupp, distribuzzjoni u promozzjoni. Kontenut Malti ma jistax jibqa' jsir bil-qalb u jintilef għax ma jasalx għand in-nies.

## 44. Skema Maltija għall-ħaddiema tal-ispettaklu fuq kuntratti qosra

Nintroduċu skema Maltija mmirata għall-ħaddiema fil-film, xandir u spettaklu, biex artisti u technicians b'kuntratti qosra u impjieg mhux kontinwu jkollhom sostenn bejn produzzjoni u oħra, skont sigħat jew ġranet eliġibbli u kontribuzzjonijiet imħallsa.

# Arti fil-komunità u kultura għal kulħadd

## 45. Arti fil-komunità

Nespandu programmi fejn it-teatru, il-mużika, l-arti u l-letteratura jkunu fil-lokalitajiet, djar residenzjali, sptarijiet, skejjel u spazji pubbliċi, biex il-kultura tkun preżenti fejn jgħixu n-nies u mhux biss fejn diġà hemm l-infrastruttura. Proposti għall-finanzjament pubbliku jingħataw kunsiderazzjoni ogħla jekk jipproponu li jikkontribwixxu għal din il-mira.

## 46. Bl-arti tgħix aħjar

Nintroduċu programmi pilota ta' arti u wirt għal kwalità ta' ħajja aħjar, b'kollaborazzjoni mas-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali, biex il-kultura tintuża wkoll kontra l-iżolament, l-ansjetà u sfidi oħra ta' saħħa mentali u stigma soċjali.

## 47. Aċċessibbiltà u kultura għal kulħadd

Nagħmlu l-aċċessibbiltà standard bażiku f'teatri, mużewijiet, festivals u programmi kulturali, inkluż signed performances, relaxed sessions, subtitles, diġitalizzazzjoni u adattamenti oħra, biex il-kultura tassew tkun għal kulħadd.

## 48. Pass 'Kultura Nazzjonali'

Ngħaqqdu taħt Pass 'Kulturali Nazzjonali' wieħed il-mużewijiet, it-teatri, il-festivals, iċ-ċinema kulturali u spazji artistiċi oħra, b'benefiċċji mmirati għall-anzjani u l-familji, biex l-aċċess għall-kultura ma jibqax maqsum bejn skemi separati u limitati. Nippremjaw lil min joffri opportunitajiet kulturali lill-komunità b'xejn.

## 49. Diplomazija kulturali u relazzjonijiet internazzjonali

Se nfasslu Strateġija Nazzjonali għad-Diplomazija Kulturali biex insaħħu l-preżenza ta' Malta barra minn xtutna. Se nappoġġjaw mobilità tal-artisti, co-productions u networks internazzjonali, u nallinjaw l-isforzi kulturali mal-politika barranija biex noħolqu opportunitajiet ġodda għall-kreattivi Maltin.



# Tradizzjonijiet u delizzji fil-lokalitajiet tagħna

## 50. Ċentri ta' tradizzjonijiet u delizzji f'kull lokalità

Noħolqu Ċentri ta' Tradizzjonijit u Delizzji f'kull lokalità, bl-użu ta' binjiet pubbliċi, skejjel wara l-ħin u spazji rriġenerati, biex nies ta' kull età jkollhom post aċċessibbli. Dawn ikunu aċċessibbli wkoll għall-għaqdiet.

## 51. Għotjiet u korsijiet irħas għad-delizzji

Nintroduċu skema ta' microgrants għal korsijiet qosra għall-għaqdiet, żgħażagħ, familji u anzjani fid-delizzji, l-arti, u l-ħiliet diġitali, biex id-delizzji jsiru opportunità għal kulħadd.

## 52. Skema ta' assigurazzjoni għall-voluntiera

Nintroduċu Volunteer Insurance Scheme biex voluntiera f'NGOs, għaqdiet kulturali u tradizzjonali jkollhom kopertura bażika waqt il-ħidma tagħhom. Tingħata prijorità lill-oqsma b'riskju ogħla u lill-għaqdiet li jwettqu servizz reali fil-komunità.

## 53. Tnaqqis tal-burokrazija għall-għaqdiet volontarji

Naħdmu biex innaqqsu l-piż amministrattiv u nneħħu l-burokrazija żejda fuq każini tal-baned, kumitati tal-festi, gruppi tal-Karnival, NGO's u għaqdiet folkloristiċi, b'templates standard, one-stop support u assistenza teknika, biex il-volontarjat ma jinqeredx taħt karti u proċeduri bla bżonn.

## 54. Fond għall-manutenzjoni u s-sigurtà tal-każini u premises tal-għaqdiet

Noħolqu fond immirat għall-każini tal-baned u għaqdiet volontarji biex jinvestu fis-sigurtà, l-aċċessibbiltà, il-konservazzjoni tal-arkivji u l-faċilitajiet tagħhom, ħalli dawn iċ-ċentri jibqgħu qalb ħajja tal-komunità u mhux piż li ma jibqgħux jifilħu għalih.

## 55. Programm ta' ħarsien għall-wirt intanġibbli

Nsaħħu programm biex jiġu dokumentati, mgħallma u mgħoddija tradizzjonijiet bħall-festi u kull ma jagħmilhom; il-marċi, il-baned, il-piroteknika, il-folklor, il-ħlewwiet tradizzjonali, l-ikel, l-artiġġjanat u s-snajja' lokali, biex ma jaslu qatt fil-periklu li jintilfu.

## 56. One-stop shop għall-amministrazzjoni tal-festi u attivitajiet kbar

Naċċertaw li l-one-stop shop għall-festi Maltin u Għawdxin jiffunzjona verament, u nestenduħ għal attivitajiet kbar oħra, biex permessi, koordinazzjoni, infurzar, sigurtà, tindif u proċessi amministrattivi jingħataw minn sors wieħed. Dan inaqqas il-burokrazija, iħaffef il-proċess u jagħti aktar serħan il-moħħ lill-għaqdiet volontarji.

## 57. Skema ta' mħażen għall-festi

Inniedu skema biex jinħolqu mħażen għall-għaqdiet parrokkjali u volontarji, b'kera sussidjata u standards ċari.

PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Dan hu l-mument tiegħek